**14. Il-Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi jipproponi:**

Illi l-Kamra tad-Deputati,

Wara li rat l-Ordni Permanenti 120B taħtar il-Kumitati Permanenti sabiex jikkonsidra abbozzi ta' Liġi jew xogħol ieħor miġjub quddiem l-istess Kumitat jew lilu riferut mill-Kamra;

Skont l-istess Ordni Permanenti, il-Kamra tistabbilixxi li l-għadd ta' membri li għandhom joqogħdu f'dan il-Kumitat Permanenti u li jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni jkun ta' seba' (7), li 4 minnhom ikunu min-naħa tal-Gvern, inkluż il-President tal-istess Kumitat, u 3 minnhom ikunu min-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-Kamra tinnomina bħala President li għandu jippresjedi l-istess Kumitat Permanenti, lill-Onorevoli Anthony Abela, filwaqt li l-membri l-oħra tal-Kumitat jiġu nominati skont kif jipprovdi l-Ordni Permanenti 120B(3);

B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-membri nominati kif provdut fl-Ordni Permanenti 120B(4).

27.10.98